# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2022**

**Talba numru 122/2022 SFJ**

**CLAYTON FORMOSA (0515895)**

**VS.**

**ANTONIO TERRANOVA (0274905A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu l-attur ippremetta w talab:

> "*Illi l-intimat huwa veru, cert u likwidu debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija w hamsa w ghoxrin Ewro (EUR 3,425.00), rapprezentanti l-bilanc dovut ghal xogholijiet ta' administrative support services li gew prestati lill-istess intimat bejn Jannar tal-2021 sa Marzu tal-2022, kif jidher fl-istatement of balance hawn anness bhala DOK A.*
>
> *Illi minkejja li l-intimat gie interpellat kemm-il darba sabiex ihallas il-bilanc pendent, huwa baqa' inadempjenti.*
>
> *Illi ghalhekk kellha ssir dit-talba.*

*Jghid ghalhekk l-intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna w ghar-ragunijiet premessi, kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:*

i. *Jiddikjara li l-intimat huwa veru, cert u likwidu debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija w hamsa w ghoxrin Ewro (EUR3,425.00), u konsewgwentement*
ii. *Jordna lill-intimat jhallas lir-rirkorrenti l-ammont ta' tlett elef, erba' mija w hamsa w ghoxrin Ewro (EUR 3,425.00).*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-Avviz ta' Talba sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni*".

Ra li l-konvenut gie notifikat fis-27 ta' Mejju 2022, skond Fol 10.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Gie pprezentat Kapitolu fil-5 ta' Lulju 2022 *seduta stante*.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, inkluz l-Affidavit tas-sur Clayton Formosa, datat 11 ta' Lulju 2022, illi b'gurament ikkonferma illi l-intimat fadallu jaghti lilu, is-somma ta' tlett elef, erba' mija w hamsa w ghoxrin Ewro (EUR 3,425.00), u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għad-19 ta' Settembru 2022.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Oltre li x-xhieda tal-attur, Clayton Formosa, hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjon. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva, in partikolari l-Affidavit ta' Clayton Formosa, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-soċjetà attriċi timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett elef, erba' mija w hamsa w ghoxrin Ewro (EUR 3,425.00), bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa wkoll ordnat ihallas lill-attur l-ispejjez ta' din il-kawza.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**